

2. **It-tieni agravju, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 107(1) TFUE u 296(2) TFUE fir-rigward tal-konklużjoni li l-miżuri Nru 2 u 4 kienu jagħtu vantaġġ lill-appellanti.** F'dak li jikkonċerna l-miżura Nru 2 (garanzija tal-2008): interpretazzjoni żbaljata tal-kriterju *ratione temporis* tal-kunċett ta' impriża f'diffikultà. Interpretazzjoni żbaljata tal-kriterju tar-remunerazzjoni tal-garanzija. F'dak li jikkonċerna l-miżura Nru 4 (garanzija tal-2010): a) nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-għoti tal-garanzija bħala prassi kurrenti; b) nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tad-dannu irreparabbli li l-appellanti allegatament sostniet; ċ) nuqqas ta' motivazzjoni u ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE kif ukoll tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-garanzija u l-ammont tal-kummissjoni; d) nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-pożizzjoni partikolari tan-National Bank of Greece SA (ETE) bħala azzjonist privat.
3. **It-tielet agravju bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 107(3)(b) u 296(2) TFUE fir-rigward tal-konklużjoni li l-miżura Nru 6 kienet inkompatibbli mas-suq komuni.** a) Fir-rigward tal-issuġġettar għall-qafas temporanju tal-2011; b) fir-rigward tal-issuġġettar għal-Linji gwida għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni.
4. **Ir-raba' agravju bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE, l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999⁽¹⁾ u l-Artikolu 296(2) TFUE f'dak li jirrigwarda l-kwantifikazzjoni tal-ammont tal-ghajjnuna li għandha tiġi rkuprata għall-miżuri 2, 4 u 6.** F'dak li jirrigwarda l-punti li ntlagħhu fis-sentenza appellata fir-rigward tal-ispeċifitàjiet tal-ghajjnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

Appell ippreżentat fis-6 ta' April 2018 mir-Repubblika Ellenika mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fl-1 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-506/15, Ir-Repubblika Ellenika vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-252/18 P)

(2018/C 190/22)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Appellanti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: G. Kanellopoulos, E. Leftheriotou, A. Vasilopoulou u E. Chroni)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tilqa' l-appell tagħha, tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-506/15, kif ġie espost speċifikatamernt fl-appell tagħha, tilqa' r-rikors ippreżentat mir-Repubblika Ellenika fid-29 ta' Awwissu 2015 skont l-appell tagħha, tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2015/1119/UE tat-22 ta' Ġunju 2015, sa fejn din timponi a) aġġustamenti finanzjarji u ta' darba u b'rata fissa ta' EUR 313 483 531,71 għas-snin ta' talbiet 2009, 2010 u 2011 fil-qasam tal-ghajjnuna diretta marbuta mas-superfċji u b) korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 2 %, fir-rigward tal-kundizzjonalità, fis-sena ta' talba 2011, u tordna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż tal-proċeduri.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka ħames aggravji:

- A. Sa fejn is-sentenza appellata teżamina l-ewwel u t-tieni motiv, dwar il-korrezzjoni ta' 25 % tal-ghajjnuna skont is-superfċji (punti 48-140 tas-sentenza appellata).

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004, rigward id-definizzjoni ta' mergħat, u l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 296 TFUE, kif ukoll motivazzjoni insuffiċjenti u inadegwata tas-sentenza appellata.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-Linji gwida (dokument VI/5530/1997) u tikkonċerna l-eżistenza tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 25 %, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikoli 43, 44 u 137 tar-Regolament Nru 73/2009, għal motivazzjoni insuffiċjenti u kontradittorju tas-sentenza appellata, għall-ksur tal-prinċipju tal-opportunitajiet ugwali tal-partijiet u għat-tibdil fir-rapport ta' sinteżi.

- B. Sa fejn is-sentenza appellata teżamina t-tielet aggravju, dwar l-impożizzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 5 % għal nuqqas ta' konformità tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-porzjonijiet agrikoli (SIPA) (punti 141 sa 162 tas-sentenza appellata).

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' legalità, tal-amministrazzjoni tajba, tad-drittijiet ta' difiża tal-amministrat, ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 296 TFUE u ta' motivazzjoni mhux suffiċjenti.

- C. Sa fejn is-sentenza appellata teżamina r-raba' aggravju, dwar l-impożizzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 2 % (punti 163 sa 183 tas-sentenza appellata).

Ir-raba' aggravju jikkonċerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 1122/2009 u tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 796/2004, motivazzjoni mhux suffiċjenti tas-sentenza appellata, kif ukoll żnaturament tal-kontenut tar-rikors.

- D. Sa fejn is-sentenza appellata teżamina l-hames aggravju, dwar is-sistema ta' kundizzjonalità (punti 184 sa 268 tas-sentenza appellata).

Il-ħames aggravju jikkonċerna l-interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 885/2006 u l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005, kif ukoll motivazzjoni mhux suffiċjenti tas-sentenza appellata.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Janjar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Die Länderbahn GmbH DLB vs DB Station & Service AG

(Kawża C-344/16) ⁽¹⁾

(2018/C 190/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 428, 21.11.2016.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Frar 2018 – Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs PT Wilmar Bioenergi Indonesia, PT Wilmar Nabati Indonesia, Commission européenne, European Biodiesel Board (EBB)

(Kawża C-603/16) ⁽¹⁾

(2018/C 190/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 30, 31.01.2017.